MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 3196/1996/1

Godfrey Attard u martu Carmen Attard
vs
Salvatore Cutajar u martu Maria Cutajar, George Chircop u martu Anna Chircop

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni tal-atturi li biha ppremettew:

Illi l-atturi kienu inkarigaw lill-konvenut Salvatore Cutajar biex jezegwixxi appalt ta’ invjar tal-faccata tal-fond 17/18 Triq il-Blajjet, Zonqor Point, Marsacala ghal liema appalt il-konvenut kien thallas Lm600 (sitt mitt liri Maltin);

Illi l-konvenut kien uza sander tal-elettriku biex inehhi t-tajn/tkahhil zejjed fil-faccata u ma kienx ha prekawzjoni biex igib il-faccata lixxa;

Illi l-konvenut ma kienx ezegwixxa dan l-appalt skond is-sengha u l-arti u dan skond kif kien iccertifika l-Perit tal-atturi J.P. Attard (Dok A);

Illi wara dan kollu l-faccata ma kenitx tista' titranga u l-faccata kollha kienet trid titnehha u tinbidel f'wahda gdida;

Illi ghalhekk l-atturi kienu sofrew danni;

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenut ma ezegwiex l-appalt moghti lilu ta' invjar tal-faccata tal-fond 17/18, Triq il-Blajjet, Zonqor Point, Marsascala skond is-sengha u l-arti u b'hekk ikkawza danni lill-atturi.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi rizultat ta' dak dikjarat fl-ewwel talba okkorrendo permezz ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-atturi d-danni fuq likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Anna Chircop li eccepiet:

Illi l-appalt in kwistjoni kien sar skond is-sengha u l-arti u fil-fatt tant kienu sodisfatti bix-xoghol l-atturi li kienu hallsu lill-konvenuti ta' xogholhom kif kien indikat fic-citazzjoni stess u dan wara li kien tlesta x-xoghol.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuta Anna Chircop.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat illi l-konvenuti kollha minbarra Anna Chircop baqghu kontumaci.

Rat id-digriet tal-4 ta’ Novembru, 1997 li bih gie nominat il-Perit Richard Aquilina A.&C.E. bhala perit arkitett.

Rat ir-rapport tal-Perit Richard Aquilina li fih ikkonkluda li:
“KONKLUZJONI:

Illi wara li l-esponent ha in konsiderazzjoni dak li gie kkostatat waqt l-access u l-ftit provi li gew imressqa, (sar access u seduta wahda biss mill-ghadd ta’ seduti li kienu gew iffissati), hu ta’ l-opinjoni li l-allegati difetti huma minimi u fil-parti l-kbira huma accettabbli fin-norma tax-xoghol u dan billi meta hajt jigi unvjat u l-wicc jidher lixx ghal kollox, meta wiehed ihares lejh mill-gemb isib xi irregolaritajiet.

L-esponent ghalhekk huwa tal-fehma li l-ewwel u t-tieni talba ta’ l-atturi ghandhom jigu michuda.

Dwar it-titlet talba, l-esponent isib li l-konvenuti ghandhom jiehdu hsieb li jkahhlu l-koxox ta’ madwar l-aperturi jew jithallsu lill-atturi sabiex isir dan ix-xoghol li jiswa cirka Lm30.

Il-ftit brix tas-*Sandpaper* li deher fil-faccata ma jistax jitnehha peress li l-atturi applikaw is-*Sealer* ghax biex il-faccata tigi *Sanded*, titnehha l-liega naturali li l-gebla tkun rabbiet u dan ikun ta’ hsara ghax bit-tnehhija taghha jkun hemm deterjorazzjoni tal-gebla.”

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Dwar il-konkluzzjonijiet ta' rapport peritali jinghad li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Louis Theuma vs Anthony Borg** irriteniet illi:

"l-appellant jilmenta, u f'dan ghandu jinghata ragun, illi l-ewwel Qorti illimitat il-gudikat taghha ghal adozzjoni tar-rapport peritali li hi dikjarat li kienet accettabbli ghaliha taht kull aspett. F'okkazzjonijiet simili kien hemm gudikati ta' din il-Qorti fejn is-sentenza appellata tkun iddikjarata nulla u l-atti rimessi lill-Ewwel Qorti in kwantu s-sentenza tkun tiddifetta mill-element essenzjali taghha, dik li taghti motivazzjoni xierqa ghad-decizjoni taghha. Il-Qorti kellha kull dritt li taddotta rapport peritali li jkun sewwa investa t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut skond l-inkarigu moghti pero' tali adozzjoni kellha tkun wahda kritika fis-sens wiesgha tal-kelma u s-sentenza kellha allura taghmel accenn ghas-sottomissjonijiet tal-kontendenti dwar ir-rapport peritali u taghti raguni anke b'mod sintetiku ghaliex ciononostante l-Qorti kienet tal-fehma li tinkorpora l-qalba tar-relazzjoni bhala l-motivazzjoni tas-sentenza taghha, kif ghamlet il-Qorti f'dan il-kaz". [Ara wkoll PA – LFS – 22/6/04 Clive Simpson vs John Saliba noe et]

In vista ta' dan il-Qorti ezaminat il-provi mressqa quddiem il-Perit Tekniku kif ukoll ezaminat is-sottomissjonijiet imressqa mill-istess kontendenti. Il-Qorti thoss pero` li f'materja ta' natura teknika sakemm ma jkunx hemm ragunijiet serji hafna biex isir tibdil fil-konkluzjonijiet, dan m'ghandux isir. Hemm dejjem ir-rimedju tal-partijiet tan-nomina tal-Periti Addizjonali.

Issa l-Perit Tekniku ikkonkluda li l-allegati difetti huma minimi u fil-parti l-kbira huma accettabbli fin-norma tax-xoghol u dan billi meta hajt jigi unvjat u l-wicc jidher lixx ghal kollox, meta wiehed ihares lejh mill-gemb isib xi irregolaritajiet. Hu tal-fehma li:

l-ewwel talba ta' l-atturi ghandha tigi michuda;
It-tieni talba ta' l-atturi ghandha tigi michuda.

Dwar it-tielet talba li l-konvenuti ghandhom jiehdu hsieb li jkahhlu l-koxox ta’ madwar l-aperturi jew jithallsu lill-atturi sabiex isir dan ix-xoghol li jiswa cirka Lm30.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel u tieni talbiet ta’ l-atturi; dwar it-tielet talba tilqaghha u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi Lm30.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------